KUNSILL LOKALI — LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 05/2023 (laqgha b'urgenza)**

29 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjediet il-laqgħa

**05.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

05.1.1 Ma kienx hemm

**05.2** Latrini Pubblici

5.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul fis-seduta precedenti, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' ma' rapprezentant ta' CWSEF. Is-Sur Agius sahaq illi l-istess kumpanija kienet infurmatu illi kien possibbli illi haddiema jahdmu b'sistema ta' shift (day in, day out) inkluz hdud u festi pubblici u li ma kienx hemm l-obbligu ta' shift allowance

5.2.2 F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Johann Scerri (17:50)

5.2.3 Segwiet diskussjoni libera, li matulha gie diskuss il-mod ta' kif kellha tigi implimentata l-mizura. Kien hemm qbil illi l-hinijiet tal-ftuh tal-latrini pubblic kellu jkun mit-8:00 sa 20:00.

5.2.4 Il-Kunsillier Martin Vella ressaq proposta li kienet tghid hekk : ' Nipproponi li l-Kunsill Lokali jaghti xi forma ta' allowance lill-haddiema ta' CWSEF li ser jahdmu bhala public convenience attendants b'mod partikolari minhabba l-hdud u l-festi'.

Il-Kunsillier James Cauchi sahaq illi fl-opinjoni tieghu kellu jkun hemm kwantifikazzjoni, liema materja giet diskussa izda ma kienx hemm konkluzjoni.

Il-proposta tas-Sur Vella ma kellhiex sekondant, bl-istess sur Vella jirrimarka illi l-haddiema huma obbligati jaghmlu l-hinijiet kollha.

Finalment, gie deciz illi l-latrini pubblici kellhom jinfethu fil-hinijiet imsemmija minghajr ma tinghata allowance lill-attendants assenjati maghhom

**Aggornament tal-laqgha**

Is-seduta giet fi tmiemha fis-6:35p.m. wara li giet ezawrita l-agenda

Konfermati, illum 27 t' April, 2023

IFFIRMATA
___________________
**Marco Agius**
Sindku

IFFIRMATA
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv